MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 657/1977/1

Ronald Mifsud u Paul Mifsud bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` "M.S.T. Agencies Limited"
vs
Philip Grech bhala Direttur tas-socjeta` Kirton & Co. Limited u in rapprezentanza tal-istess socjeta` u b'digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1977 gew imhassra l-kliem minn "bhala Direttur" sal-kelma "dina", bhala mandatarja u b'digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1977 giet mibdula l-kelma "mandatarja" ghall-kelma "mandatarju" ta' l-assenti Kaptan Miljenko Foremboker, bhala Kaptan tal-vapur "Hamburger Wappen" in rapprezentanza ta' l-istess vapur u tal-armaturi tieghu

Il-Qorti;

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li ppremettew:

Illi s-socjeta` attrici hija proprjetarja tat-Tug Boat "Rossgarth" li fis-27 ta' Gunju, 1977, kienet qed tassisti lill-

vapur Hamburger Wappen biex jimmanuvra go Malta Drydocks.

Illi waqt li l-imsemmija tug boat kienet qed tippresta s-servigi ta' rmonk lill-imsemmi vapur, minhabba stress kbira li nqalghet fuq il-magni biex tigi milqugha emergenza li nqalet u jigu evitati danni kbar sija fuq it-tug boat, il-vapur Hamburger Wappen u vapur iehor, l-imsemmija tug boat Rossgarth garrbet hsarat fil-magna u hsarat ohra kif kellhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi fost it-towage conditions li tahthom kienet qed topera t-tug boat Rossgarth, kien hemm dik li l-proprjetarju tat-tug, waqt li t-tug ikun qed jirmonka, ma jkunx responsabbli ghad-danni ta' kwalunkwe xorta sofferti mit-tug dovuti ghall-kwalsiasi kawza, inkluza negligenza f'xi hin tas-"servants or agents" tal-proprjetarju tat-tug, "unseaworthiness", "unfitness" jew "breakdown" tat-tug jew tal-makkinarju, boilers, towing gear, equipment, etc. u li l-hirer tas-servizz ta' irmonk irid ihallas ghal kull hsarat sofferti mill-proprjetarju tat-tug u jindemnizza lill-proprjetarju ghal kull konsegwenza ta' dawn il-hsarat, sakemm dawn id-danni ma jkunux dovuti ghal nuqqas da parti tat-tug owner li jzomm it-tug tieghu "seaworthy" ghan-navigazzjoni waqt l-irmonk, kif jidher mill-klawsola 3 tat-Towage Conditions (Dok A).

Illi ghalhekk l-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-vapur Hamburger Wappen bhala l-Hirer tas-servizz ta' rmonk mit-tug boat Rossgarth huwa ghat-tenur ta' l-imsemmija "Towage Conditions" huwa responsabbli ghall-hlas tad-danni sofferti fl-istess tug boat Rossgarth waqt li kien qed jirmonka il-Hamburger Wappen fis-27 ta' Gunju 1977.

2. Tillikwida d-danni – okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi – u

3. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-atturi nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata, in linea ta' danni kif fuq intqal, flimkien mal-imghaxijiet kummercjali.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-mandat ta’ impediment tas-safar tal-bastiment tal-5 ta’ Lulju 1977 u tal-kontro protest tal-11 ta’ Lulju 1977, kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-atturi nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-kwalita` tieghu citata fejn eccepixxa:

Illi hu kien gie citat hazin in rapprezentanza tad-ditta Kirton & Co. Limited billi kien hu personalment li accetta li jkun mandatarju tal-Kaptan Miljenko Foremboker nomine kif jidher mill-prokura annessa mal-kontro-mandat tas-7 ta’ Lulju 1977 liema prokura kienet giet debitament accettata mid-ditta attrici (kopja annessa man-nota ta’ eccezzjonijiet u mmarkata Dokument AA). Ghalhekk il-konvenut, kif citat, ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Fil-meritu u bla pregudizzju tal-premess, il-vapur “Hamburger Wappen” ma kien bl-ebda mod responsabbli ghad-danni pretizi mid-ditta attrici anzi kienet it-tugboat taghha stess Rossgarth li kienet responsabbli ghad-danni kollha li graw, komprizi dawk sofferti mill-vapur Hamburger Wappen li ghalihom saret espressa reserva.

Illi kwantu ghal klawsola fit-Towage Conditions citata mill-atturi nomine fl-att tac-citazzjoni din hi kjarament klawsola ta’ ezoneru li ma tista’ qatt tkun lecita sal-punt li biha jkun hemm dik li tissejjah “assicurazione dalla colpe proprie” biex tanjenta l-htija tal-Kaptan ta’ l-imsemmija tugboat u tad-dipendent tieghu anki ghal “want of skill, deligence and care” (ara, fost sentenzi ohrajn, is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Marzu 1957 fil-kawza fl-ismijiet “Paul Camilleri et noe vs Paolo Mifsud noe”: Collez Vol XLI P.I p.616).

Ghalhekk l-istanza attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez: salvi u impregudikati d-drittijiet tal-konvenut ghad-danni li

hu stess sofra u li ghalihom ipprotesta formalment bil-Protest tieghu tas-6 ta' Lulju 1977.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi b' digriet tal-1 ta' Dicembru 1977 l-kliem "bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta`" sal kelma "dina" gew kancellati u l-kelma "mandatarja" giet mibdula ghal "mandatarju".

Rat il-verbal tal-istess data li permezz tieghu gie degretat li l-provi fil-kawzi Citazz. Nru. 657/77 u 656/77 kellhom jinstemghu flimkien.

Rat id-digriet tas-27 ta' Frar 1978 li permezz tieghu gew nominati Dr. Joseph Ciappara bhala Perit Legali u l-Inginier Nicholas Albino Baldacchino u l-Kaptan Frank Mizzi bhala Periti Tekniki.

Rat in-nota tal-konvenut tas-6 ta' Lulju 1979 li b' referenza ghall-istima tal-hsarat irrilevaw li a tempo debito kien sar survey konguntiv tal-hsarat.

Rat in-nota li permezz taghha giet esebita stima tal-hsarat fit-tug boat Rossgarth fl-incident marittimu mertu ta' dan il-kaz fit-22 ta' Gunju 1994 u maghmula minn John Demicoli.

Rat in-nota tal-24 ta' Frar 1997 ta' Philip A. Grech (jnr.) li biha ried jassumi l-atti tal-kawza minflok zijuh Philip C. Grech li m' ghadx ghandu konnessjoni mad-ditta Kirton & Co. Limited. Il-Qorti tirrileva li d-ditta Kirton & Co. Limited ma kenitx parti aktar fil-kawza in segwitu tad-digriet tal-1 ta' Dicembru 1977.

Rat id-digriet tad-9 ta' Lulju 1999 li permezz tieghu Dr. P. Gauci Maistre ssostitwixxa lill-Perit Legali Dr. Joseph Ciappara.

Rat ir-rapport ta' Dr. Paul Gauci Maistre, Nicholas Baldacchino u tal-Kaptan John Mizzi a fol 148 et, li fih ikkonkludew:

"F'din il-kawza s-socjeta`attrici li hija s-sid tat-tug boat Rossgarth qeghda titlob il-likwidazzjoni tad-danni kagunati fl-istess tug boat kawza ta' l-incident li sehh bejn iz-zewg vapuri fil-Port il-Kbir fis-27 ta' Gunju 1977.

Gie stabbilit illi t-tug boat Rossgarth kien qieghed jassisti l-vapur Hamburger Wappen fil-manuvrar gol-Port il-Kbir. Dan it-tug huwa trattat bhala parti integra mill-istess bastiment. Isegwi ghalhekk illi kull hsara li ssir lit-tug ghandha tkun kompensata mis-sid tal-vapur tal-Hamburger Wappen kemm-il darba ma jirrizulawx fatturi ohra li b'xi mod ikunu kkontribwew ukoll ghall-istess hsara.

Jirrizulta li l-incident sar immedjatament wara lit-tug Rossgarth tilef il-'power'. Il-hsara fit-tug skond ix-xhieda, saret wara li l-kaptan taghha talab ghal "excess". Dan kien ifisser li ghal perjodu ta' hin ic-chief engineer fetah il-fuel index u nghata fuel aktar milli kien hemm bzonn. Kien ifisser ukoll illi l-istess magna giet assoggettata ghal temperaturi gholjin u perikoluzi. F'dawn ic-cirkostanzi l-ekwipagg tar-Rossgarth agixxa b'mod irresponsabbli u holoq perikolu kemm ghat-tug kif ukoll ghalih innifsu. Minkejja l-fatt illi l-overall responsibility ta' l-operazzjoni kollha kienet tal-kaptan tal-Hamburger Wappen meta wiehed jigi biex jillikwida d-danni sofferti fit-tug Rossgarth ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni zewg fatturi:

(a) Illi t-tug Rossgarth ghamel kull ma seta' sabiex jghin fl-overall operazzjoni

(b) Mar oltre dak li hu normali kif fuq spjegat biex b'hekk ikkaguna 'self inflicted damage'.

Ghaldaqstant l-esponenti huma tal-fehma li Rossgarth ghandu jbaghti hamsin fil-mija ta' l-ispejjez li sofra.

**LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI:**
Is-socjeta` attrici ma pprezentat l-ebda ricevuti tal-hsarat li sofriet it-tug boat Rossgarth. Ipprezentat biss certifikat datat 20 ta' Gunju 1994 li juri l-hsarat li gew stmati fl-ammont ta' Lm9,700 minn John Demicoli li kien persuna impjegata mal-kumpanija u mhux persuna independenti (Dok JD1). B' nota prezentata fis-6 ta' Lulju 1979 il-konvenut irrileva li a tempo debito kien sar survey konguttiv tal-hsarat (minghajr pregudizzju dwar responsabbilta`) li jkun aktar attendibbli ghall-finijiet tal-kawza minn stima maghmula 17-il sena wara li gara l-incident li ta lok ghall-kawza. Dan is-survey ma giex esebit u jidher illi minn ghamlu lahaq miet. In mancanza ta' dokumenti ohra l-Qorti awtorizzat lill-Periti Teknici biex wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-istima maghmula minn John Demicoli ta' l-20 ta' Gunju 1994 jistabilixxu d-danni skond l-ahjar gudizzju taghhom "arbitrio boni viri".

Dawn gew stabbiliti fl-ammont ta' Lm4,180 kif hawn taht spjegat:

1. Renewal of 3 injection pumps Lm250 x 3 Lm750
2. Repairs to governor Lm150
3. **Opening up of 5 units of Engine Lm300 x 5** Lm1500
4. Replacement of 4 pushrods Lm70 x 4 Lm280
5. 5 days loss of use - Lm300 x 5 Lm1500

Peress illi s-sidien tat-tugboat Rossgarth ghandhom ibatu nofs l-ispiza, huma ghandhom jithallsu l-ammont ta' Lm2,090 minghand il-konvenuti."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Louis Theuma vs Anthony Borg</u>** irriteniet illi: "l-appellant jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi ddikjarat li kien

accettabbli ghaliha taht kull aspett. F'okkazjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz". [Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 Clive Simpson vs John Saliba noe et]

In vista ta' dan il-Qorti ezaminat il-provi mressqa quddiem il-Perit Legali u kif ukoll ezaminat is-sottomissjonijiet imressqa mill-istess kontendenti.

Ta' importanza fondamentali hija d-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet Silvio Mifsud et noe vs Philip Grech noe et deciza fit-18 ta' Mejju 1999. Jirrizulta li din is-sentenza ghaddiet in gudikat u kienet tirrigwarda propju l-istess kollizjoni mertu ta' din il-kawza. Huwa principju tad-dritt marittimu li "the tug is the servant of the tow", u li ghalhekk fil-kaz in kwistjoni tigi li r-responsabbilta` tal-kollizjoni marittima kienet tal-Hamburger Wappen minhabba li tali vapur kellu l-overall responsability tal-operazzjoni kollha. Infatti t-tug huwa kunsidrat bhala parti integrali mill-bastiment u li ghalhekk kull hsara li ssir lit-tug ghandha tigi kumpensata minn sid il-vapur f' dan il-kaz Hamburger Wappen.

Dwar dan il-principju generali, u ghalkemm spiss issib illi kundizzjoni tat-tow hija propju li r-responsabbilta` tibqa' dejjem tal-vapur, specjalment in vista tas-sitwazzjoni li ma hemmx xelta tal-kaptan tal-vapur li jaghzel tugs ohra, il-Qorti bil-fors illi tesprimi certi dubji dwar il-validita` ta' dan l-aspett. Il-Qorti kif presjeduta hija tal-fehma li jista' jkun hemm kazi fejn ghalkemm il-kuntratt tat-towage jezonera

r-responsabbilta` tat-tug jew inaqqas drastikament tali responsabbilta` jista' jkun li dawn il-kundizzjonijiet jitqiesu bhala invalidi. Dan isegwi ragunar li jekk ikun ikkontribwixxa ghal hsara u danni propju t-tug ma tistax il-Qorti ma taghmilx id-doveri taghha li tindaga biex tistabbilixxi ta' min hi r-responsabbilta` u talloka d-danni skond dawn ir-rizultanzi. Izda l-Qorti ghandna l-obbligu li primarjament taccetta li "the tug is the servant of the tow" u l-overall responsability tal-vapur u huwa biss f' cirkostanzi eccezzjonali ppruvati b' mod inekwivoku li l-Qorti tkun tista' tiddipartixxi minn tali principju u dan meta jirrizulta b' mod manifest u car li r-responsabbilta` fil-fatt kienet tirrigwarda xi hadd iehor.

Il-Qorti tista' tiddipartixxi biss min-normi stabbiliti fid-dritt marittimu f' okkazjonijiet eccezzjonali meta tintlahaq prova inekwivoka. Fil-kaz in ezami l-incident sar immedjatament wara li t-tug boat Rossgarth tilef il-power. Il-hsara saret wara li l-kaptan tat-tug talab ghal "excess" u ghal perjodu ta' hin ic-chief engineer fetah il-fuel index u inghata aktar fuel milli kien hemm bzonn, u naturalment l-istess magna giet assoggetata ghal temeperaturi gholjin u perikoluzi. Hawnhekk sar self inflicted damage ghax l-ekwipagg tar-Rossgarth agixxa b' mod irresponsabbli u holoq perikolu ghalih innifsu u dan il-fattur ghandu jitqies fir-responsabbilta` dwar id-danni u naturalment il-likwidazzjoni sussegwenti. L-atturi jsostnu li kien il-kaptan tal-Hamburger Wappen li talab ghall-"excess power" u l-magna splodiet kawza ta' dan. Kien hemm mument meta kawza tar-rih majjistral it-tow kien qed jigi mkaxkar bla kontroll u meta l-kaptan irrejalizza li sejjer jahbat fil-vapur l-iehor Graziella Zeta kien ta l-ordni biex ir-Rossgarth taghti l-"excess". Il-periti waslu ghall-konkluzjoni li r-responsabbilta` ghandha tigi diviza bin-nofs minhabba li minn banda kien hemm l-overall responsibility tal-kaptan tal-Hamburger Wappen u min-naha l-ohra kien l-agir stess tat-tug boat stess li wasslet ghall-hsara li fil-fatt irrizultat u li ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi diviz ugwalment bejn tnejn. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tvarja dawn il-konkluzjonijiet. Huwa naturali ghall-kaptan li jipprova jevita l-incident u li jaghti tali ordni izda r-Rossgarth qatt ma kellu jagixxi bil-mod kif agixxa u b'

hekk jikkawza l-ispluzjoni li fil-fatt irrizultat. Id-danni li rrizultaw kienu self inflicted damage.

Dwar likwidazzjoni danni din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet peritali fl-ammont ta’ Lm4180 kif dettaljatament elenkat u spjegat a fol 157 tal-process u dan minhabba li l-istima ta’ Lm9700 prezentata mill-atturi hija ex-parte minn persuna li kienet impjegata ma’ l-istess kumpanija waqt li s-survey konguntiv tal-hsarat qatt ma gie esebit. Peress li f’ dan il-kaz il-Qorti hasset li r-responsabbilta` ghandha tigi maqsuma hi taqbel mal-konkluzjonijiet peritali li l-ammont li ghandu jithallas minghand il-konvenuti huwa ta’ Lm2090.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li hu gie citat hazin in rapprezentanza tad-ditta Kirton & Co. Limited billi kellu rapprezentanza personali giet sussegwentement korretta in segwitu ta’ digriet tal-1 ta’ Dicembru 1977 u ghalhekk l-eccezzjoni m’ ghadhiex aktar applikabbli.

L-eccezzjoni l-ohra u t-talba jirreferixxu ghall-meritu tal-kaz inkluz towage conditions. Il-Qorti ddikjarat fuq li l-vapur Hamburger Wappen responsabbli ghal 50% tal-hsara u ghalhekk ghal 50% tad-danni sofferti mis-socjeta` attrici fit-tug boat Rossgarth waqt li kienet qed tirmonka l-istess vapur fis-27 ta’ Gunju 1977 fil-Malta Drydocks.

Il-Qorti llikwidat id-danni fil-mod kif fuq spjegat “arbitrio boni viri” in segwitu tar-rapport peritali u dan fl-ammont ta’ Lm2090. Il-Qorti tikkundanna lill-konvenut noe jhallas lill-atturi noe s-somma ta’ Lm2090. Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------